MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 990/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**KONTRA**

**VINCENT ELLUL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Vincent Ellul ta' 21 sena, bin Victor u Silvana nee' Falzon, mwieled Pieta nhar is- 6 ta' Settembru 1988, residenti fil-fond St. Joseph, Flat 3, Wied Hal- Balzan, Balzan u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 411188(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 13 ta' Lulju 2009 ghall- habta tal- 0.43hrs gewwa Triq il- Kbira, Lija volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq vetturi bin- numru tar- registrazzjoni SKI 168 tal- ghamla Renault ghad- dannu ta' Elizabeth Agius, PEP 549 tal- ghamla Peugeot ghad- dannu ta' Alexander Calafato, JBL 184 tal- ghamla Toyota ghad- dannu ta' Calcidonio Cini, CBC 111 tal- ghamla Alfa Romeo ghad-dannu ta' Celia Borg Cardona, JBM 317 tal- ghamla BMW ghad- dannu ta' Elena Farrugia u LCM 695 tal- ghamla Fiat ghad- dannu ta' Suzanne Dowling liema hsara kumplessiva hija izjed minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

Il- Qorti hija gentilment mitluba titratta l- imputat ghal ksur ta' sentenza sospiza datata 29 ta' Ottubru 2009.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat gie akkuzat li ghamel hsara volontarja fuq tmien vetturi fis-sieghat bikrin ta' filghodu nhar it-13 ta' Lulju, 2009. Dan l-incident kien kollu bravata ta' wara l-festa ta' Hal Balzan, u ma kien ipprovokat minn xejn. L-imputat ghal xejn b' xejn qabad u barax tmien karozzi ipparkeggati fi Triq il-Kbira, Hal-Lija, bic-cavetta tad-dar tieghu. Dan l-agir inspjegabbli u assolutament

ikkundannabbli tal-imputat ihalli lil din il-Qorti ghal kollox perplessa quddiem agir hekk irresponsabbli. Li kieku l-imputat ma wera ebda sinjal ta' rimors ghal dak li ghamel, din il-Qorti bla esitazzjoni ta' xejn kienet taghti piena ta' prigunerija effettiva immedjatament. Madankollu, jidher mill-istqarrija tieghu, mehuda *a tempo vergine*, li huirrikonoxxa l-izball tieghu u li kien lest jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna. Tant hu hekk li waqt is-seduta stess hu ghadda lill-ufficjal prosekutur is-somma ta' elf ewro, biex b' hekk fadallu bilanc ta' elfejn u tminn mitt ewro x' ihallas lis-sidien tal-karozzi, tramite l-ufficjal prosekutur.

L-imputat ghalhekk ser jigi ordnat ihallas id-danni kollha li hu kkaguna lis-sidien ta' dawn il-vetturi kollha, u l-Qorti sejra torbtu billi taghti provvediment ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9, tramite sentenza ta' prigunerija sospiza. Fin-nuqqas li hu jhallas dak kollu dovut minnu, tiskatta s-sentenza ta' prigunerija ai termini tal-ligi. Il-Qorti tawgura li l-imputat jifhem il-gravita' tal-gest stupidu u banali tieghu, u li ser ikollu jhallas ammont ta' mhux anqas minn elfejn u tminn mitt ewro (2,800 Euro) fi zmien sitt xhur millum, ta' ghemilu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 325 u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant testendi l- perjodu effettiv tas- sentenza ta' prigunerija sospiza, datata 27 ta' Jannar 2008, ghal massimu ta' sentejn (2)  prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2,800) lill-*parte civile* indikati fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------